MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 154/1999/1

**Carmel Debrincat**

**v.**

**Kemmuna Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fit-2 ta’ Novembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Gie interpost appell ghal fini ta’ riforma tal-*quantum* tad-danni

min-naha ta’ l-attur, filwaqt li l-konvenut intavola appell incidentali ghal fini ta’ revoka jew riforma, skond il-kaz.

1.2. Ghal intendiment ahjar ta’ dana l-appell, ikun utli li tigi riportata *in toto* s-sentenza appellata li fiha gie ritenut u deciz hekk:

“Il-Qorti ,

“PRELIMINARI

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta:

“Illi l-attur kien impjegat mas-soċjeta` konvenuta, inizjalment bħala *security* u sussegwentement bħal *boatman.*

“Illi fost id-dmirijiet tiegħu *boatman* kien rikjest minnu li jagħmel xogħol ta' tgħabija u ħatt ta' oġġetti u merkanzija għal fuq id-dgħajjes tal-kumpanija.

“Illi fid-disgħa (9) ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) waqt li f'Kemmuna kienu qed jinħattu tankijiet tal-gas minn fuq id-dgħajsa għal fuq l-art huwa korra u weġġa' dahru waqt li kien qiegħed iġorr ċilindru tal-gas kummerċjali.

“Illi konsegwenza ta' dan l-attur sofra debilita` f'ġismu liema debilita` kompliet aggravat ruħha fis-sitta u għoxrin (26) ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) meta waqt (sic) l-attur kien kostrett jieqaf kompletament mix-xogħol.

“Illi minħabba f'dan il-korriment, l-attur sofra debilita` permanenti f'ġismu b'tali mod u manjiera li huwa impedit milli jagħmel xogħol bi qliegħ u effettivament l-impieg tiegħu mal-kumpanija konvenuta ġie mitmum.

“Illi dan il-korriment kien ħtija tas-soċjeta` konvenuta li mhux biss naqset li tara li l-post tax-xogħol ikun safejn huwa raġjonevolment prattiku ħieles minn kull perikolu

għas-sahha u għas-sigurta' u li tippreveni li jiġru disgrazzi jew korriment ieħor fuq il-post tax-xogħol, imma addirittura s-soċjeta` konvenuta naqset li tieħu dawk il-miżuri kollha pratiċi u necessarji sabiex tassigura s-saħħa tal-ħaddiema u skansar tagħhom minn kull perikolu fuq il-post tax-xogħol liema nuqqasijiet wasslu għall-korriment gravi ta' l-attur.

"Illi s-soċjeta` konvenuta għalkemm giet interpellata sabiex tersaq għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni baqgħet tirrifjuta li tagħmel dan.

Talab lis-socjeta` konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Minhabba fin-nuqqasijiet premessi tiddikjaraha responsabbli għall-inċidenti msemmija li fih korra l-attur.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minħabba dan il-korriment gravi liema danni huma sew ta' natura materjali u kif ukoll bħala lucrum cessans.

"3. Tikkundanna lill-istess soċjeta` konvenuta sabiex tħallas dawn id-danni.

"Bl-ispejjeż inkluża dawk ta' l-ittra uffiċjali spedita f'Ġunju 1999 u tal-ittra interpellatorja datata 16 ta' Awissu, 1999.

"Il-konvenuta hija mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħda tiġi nġunta.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament maħlufa minnu.
"Innotat illi s-soċjeta` konvenuta, debitament notifikata b'din iċ-ċitazzjoni, kif jirriżulta mir-riferta pożittiva li ġġib id-data ta' l-14 ta' Ottubru 1999, baqgħet kontumaċi.

"Rat id-digriet tagħha ta' l-24 ta' Marzu 2000 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar l-istat ta' saħħa fiżika tiegħu.

“Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fit-12 ta' Lulju 2001 u maħlufa fit-28 ta' Mejju 2002.

“Rat il-verbal tagħha tat-22 ta' Gunju 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal żewġ inċidenti fuq ix-xogħol. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik tal-kważi delitt, bażata fuq il-Lex Aquilia[1]. Min jikkawża ħsara lil ħaddiehor għaliex ma jużax id-diliġenza ta' *bonus pater familias,* għandu jirrispondi għal dik il-ħsara[2]. Imma fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn min iħaddem u l-impjegat, bħal ma għandna fil-każ in eżami, il-liġi tagħna timponi fuq l-*employer* l-obbligu espress li jassigura s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-post tax-xoghol[3].

“FATTI

“L-attur kien jaħdem mas-soċjeta` konvenuta, inizjalment bħala *security* u sussegwentement bħala *boatman.* Fost id-dmirijiet tiegħu bħala *boatman*, kien jintalab jagħmel xogħol ta' tgħabija u ħatt ta' oġġetti u merkanzija minn u għal fuq id-dgħajjes tal-kumpanija. Fid-9 ta' April 1998, waqt li f'Kemmuna kienu qed jinħattu ċilindri tal-gass kummerċjali minn fuq id-dgħajsa għal fuq l-art, minn post xejn adattat, li kien jintuża biss f'każ ta' maltemp, l-attur korra u weġġa' dahru waqt li kien qed iġorr wieħed minn dawn iċ-ċilindri. Minkejja li kellu ugiegħ kbir f'dahru u ma setgħax jaħdem, jumejn wara ġie mitlub jirritorna għax-xogħol sakemm mal-ħmistax-il ġurnata wara reġa' ħass

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2.
[2] art.1032, 1033 Kap. 16.
[3] art. 6 tal-Kap. 424 dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq ix-Xogħol (Att XXVIII tal-2000).

uġiegħ kbir f'dahru, tant li sħabu kellhom imidduh fid-dgħajsa, hekk kif kien qed iqiegħed xi bagalji tat-turisti għal fuq id-dgħajsa, fejn il-moll taċ-Ċirkewwa. Huwa qatt ma reġa' irritorna għax-xogħol u nfatti l-impieg tiegħu ġie terminat. L-espert mediku nominat mill-Qorti stabilixxa d-debilita` permanenti li minnha qed ibati l-attur f'perċentwali ta' tmienja fil-mija (8%)[4].

“RESPONSABILITA`

“L-attur jikkontendi illi taħti għal dan l-inċident s-socjeta` konvenuta, ghaliex:

“1. minkejja li hu kien ingaġġjat bħala *boatman*, bi dmirijiet speċifiċi relattivi għan-navigazzjoni tad-dgħajsa u manutenzjoni tagħha, kien ordnat jgħin fit-tgħabija u ħatt tagħha ;

“2. ġie ordnat biex iġorr fuq u mid-dgħajsa oġġetti tqal bħal ċilindri tal-gass u valiġġi ta' passiġġieri ;

“3. għalkemm il-ftehim kollettiv kien jeskludi li d-dgħajsa tidħol f'żoni skabrużi, il-*management* xorta waħda ordna d-dgħajsa torbot proprju f'dik iż-żona li kienet eskluża fil-ftehim kollettiv, u dana f'maltemp li ċertament irrenda din iż-żona iktar perikoluża[5]:

“4. huwa ma ngħata ebda taħriġ dwar kif iġorr oġġetti tqal, partikolarment f'postijiet u ċirkostanzi skabrużi[6] ;

“5. wisq inqas ingħata xi apparat jew attrezzi biex jgħinuh f'dan ix-xogħol ;

“6. wara li sofra l-ewwel inċident, il-kundizzjoni tiegħu ġiet aggravata bl-ordni sabiex jirritorna għax-xogħol minkejja li ma kienx għadu fieq[7].

---

[4] ara rapport peritali a fol. 21 tal-process.
[5] ara para. 37 (iii) tal-ftehim kollettiv, a fol. 67 tal-process.
[6] ara Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea: Council Directive 90/269/EEC: 29.5.1990 u OJL 156: 21.6.1990.
[7] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur a fol. 156 – 7.

F'kawża dwar debilita` permanenti kkaġunata minħabba rfieh ta' oġġetti tqal fuq ix-xogħol, u f'ċirkostanzi pjuttost simili għal każ in eżami, intqal mill-Qrati tagħna illi:

"*Ta' importanza hija ukoll il-kawża* ***'Chetcuti vs Mizzi'****, deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Gunju 2002, fejn ġie osservat li min iħaddem m'għandux iqabbad lill-ħaddiema tiegħu jagħmlu xogħol li mhux soltu jagħmlu u li għalih ma kellhomx taħriġ …*

*"F'dan il-każ, l-attur ma ingħata ebda taħriġ dwar kif jerfa' u lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni li jerfa' ittieħdet mill-attur. Kien il-Management tas-socjeta` konvenuta li kien insista li l-attur u sieħbu jġorru l-għamara, u ma jidhirx li dawn kellhom għażla. Veru li setgħu jgħidu 'le', pero`, meta hemm l-impieg tiegħu fin-nofs, impjegat mhux faċli jirreżisti l-ordnijiet tal-employer tiegħu. Fil-fatt l-attur jgħid li meta kienu jilmentaw, kienu jiġu 'mhedda', u jekk impjegat jibda jagħmel ostakoli fuq il-post tax-xogħol, anke jekk dawk l-ostakoli jkunu imsejsa fil-liġi, jista' jsib ruħu fi problemi u forsi anke barra mix-xogħol. Hi x'inhi, l-impjegat mill-ewwel ġab l-ilment għall-attenzjoni tal-Manager tiegħu, iżda xorta waħda kien jinsisti li jsir ix-xogħol ta' rfieħ. Fil-kawża ingliża* ***'Hall vs McLaren'*** *(1958 C.A. 110), intqal li normalment persuna li xogħlu huwa li jqandel u jerfa' affarijiet tqal, huwa responsabbli ghal għemilu, imma:* ***'If he makes any real complaint of the conditions on the score that they make the doing of the work dangerous, or are likey to cause injury … then it may well be that if the employers ignore such a complaint they will do so at their peril.'*** *… anke meta si tratta minn dawn l-impjegati, is-sid* ***'should always instruct his workers in safe lifting techniques, in their interest and his'*** *(ara ukoll* ***Pace vs Korporazzjoni Enemalta'*** *deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003). Dan is-soċjeta` konvenuta naqset li tagħmlu f'dan il-kaz, u jsegwi allura li l-employer naqas …* ***'to take all reasonable care for his employee's safety'***."[8]

---

[8] Prim'Awla: Charles Farrugia vs Malta Investment Management Company Limited: 9.10.2003.

"Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-attur għalkemm kien impjegat fuq id-dgħajsa tas-soċjeta` konvenuta, kien qed jiġi mġiegħel jerfa' tgħabijiet li ma kienx jiflaħ għalihom, f'post mhux adegwat u mingħajr l-attrezzi meħtieġa, tant li weġġa' dahru, u minkejja li kien għadu muġugħ, ingħata ordni sabiex jirritorna għax-xogħol meta kien għadu ma fieqx. Infatti reġa' ħass uġiegħ kbir inqas minn ġimgħatejn wara, meta kien qed jerfa' l-valiġġi tat-turisti u minn dakinhar ma setgħax jagħmel ebda xogħol ta' strapazz ieħor. Dawn iċ-ċirkostanzi m'għandhom iħallu ebda dubbju illi għad-danni li sofra l-attur konsegwenza għal dawn iż-żewg inċidenti, għandha tagħmel tajjeb is-soċjeta` konvenuta bħala l-*employer* tiegħu.

"LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

"Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[9]. Fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tużgha bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu (sic) suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispeċie[10].
Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

"A. **Damnum Emergens:**

"Dawn normalment huma d-danni attwali u effettivi sofferti mid-danneġġjat u mhux soltu jagħtu lok għal kontroversja.

---

[9] Savona vs Asphar: Appell: 23.6.1952.
[10] Carmelo Fenech vs Antonio Galea ; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech ; vol. XLII. II. 1019.

Fil-każ preżenti, l-ispejjeż inkorsi mill-attur jikkonsistu fi spejjeż mediċinali partikolarment f'mediċini li jtaffu l-uġiegħ, u visti għand tobba u speċjalisti. Fl-affidavit tiegħu l-attur jagħti spjegazzjoni fid-dettal tal-mediċini li ħa u l-ispejjeż li daħal fihom. Dawn jammontaw għal Lm100, peress li mbagħad f'ċertu punt huwa beda jingħata l-mediċini b'xejn mid-Dipartiment tas-Sahha[11]. Bħala tobba u speċjalisti, huwa kien jiġi assistit minn Dr. John Xuereb Curmi, it-tabib tal-familja. Skond l-attur, sa meta ppreżenta l-affidavit tiegħu, kien ħallsu minimu ta' Lm150 f'visti. Xeħed ukoll li ġie riferut għand il-kirurgu Mr. Raymond Aquilina u mar għandu madwar għaxar darbiet bi hlas ta' Lm140. Ġie riferut ukoll lill-ispeċjalista Mr. Lawrence Zrinzo. Mar għandu erba' darbiet u ħallsu b'kollox Lm65[12]. Kellu wkoll jieħu xi kura psikjatrika li għaliha ħallas Lm68[13]. Dawn l-ispejjeż huma kollha ripetibbli.

“Madankollu taħt dawn id-danni l-attur jippretendi wkoll it-telf ta' paga għal sena u nofs minn meta korra sakemm ġiet intavolata l-kawża preżenti[14]. Huwa minnu illi l-attur ma marx iżjed għax-xogħol wara li weġġa' t-tieni darba u fil-fatt l-impieg tiegħu ġie terminat. Ma jirriżultax pero` li l-attur għamel xi żmien twil f'qiegħ ta' sodda ma jistax jiċċaqlaq, u għalhekk id-debilita` tiegħu ma kienitx tipprekludieh milli jfittex xi xogħol ieħor inqas skabruż. F'tali ċirkostanzi mhux il-każ għalhekk li jingħata xi kumpens għal telf ta' paga.

Għaldaqstant jiġi illi bħala danni attwali l-attur sofra: Lm100 + Lm140 + Lm65 + Lm150 + Lm68 = Lm523.

“B. **Lucrum Cessans:**

“Dwar il-metodu kif jigi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta’ l-Appell: “*Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament*

[11] ara affidavit ta' l-attur a fol. 40.
[12] ara l-istess affidavit u dokti. CD 9, 10, 11, 12 u 13 a fol. 83 - 91.
[13] Dok. CD 14 a fol. 92.
[14] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu a fol. 158.

*tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta` diskrezzjonali tagħhom ….. Diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-principji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'*[15].

"Imma kif ġie enfasizzat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

*"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita`. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'*[16].

"Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tat oriġini għal dak li jissejjaħ il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita` u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment.* F'dawn l-aħħar snin pero` dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali[17].

"Meta seħħew l-inċidenti mertu ta' din il-kawża l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta u kellu paga bażika ta' Lm4387 fis-sena[18]. Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard

---

[15] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell: 15.1.2002.

[16] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell: 20.7.1994.

[17] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003.

[18] ara Dok. CD 1 a fol. 41.

b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet titteħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum il-ġurnata pero` meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa' ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha[19]. Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 46 sena u għalhekk kien għad baqagħlu ħajja lavorattiva ta' 15 sena. L-espert mediku stabilixxa li l-perċentwali ta' diżabilita` permanenti kienet ta' tmienja fil-mija (8%). Skond il-ġurisprudenza kostanti, minħabba l-*lump sum payment*, (u hawn mhux il-każ li l-attur ilu jistenna ħafna snin biex tinqata' s-sentenza), għandu jitnaqqas kwint (1/5). Peress illi l-kalkoli qed jinħadmu fuq paga ta' 6 snin ilu, irid jingħata kumpens xieraq ukoll biex jagħmel tajjeb għar-rata ta' inflazzjoni. Normalment din tkun ta' għoxrin fil-mija (20%). Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: Lm4387 (paga bażi) x 15 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 8% (perċentwali ta' debilita` permanenti) x 80% (minħabba l-*lump sum payment*) x 120% (għaż-żieda fl-inflazzjoni) = Lm5053.82.

"RI - EPILOGU

"Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti:

"1. Damnum emergens: Lm523 ;

"2. Lucrum Cessans: Lm5054.

"- Total ta': Lm5577.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, tilqa' t-talbiet attriċi u:

---

[19] Agius vs. Galea et noe.: Kummerc: 11.7.1989 ; Buttigieg vs Azzopardi: Kummerc: 25.7.1989 ; Mario Camilleri vs Mario Borg: Prim'Awla: 8.5.1990.

“1. tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta Kemmuna Limited unikament responsabbli għall-inċidenti mertu tal-kawża ;

“2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minħabba fl-istess inċidenti, fl-ammont ta' ħames telef, ħames mija u seba' u sebgħin lira maltija (Lm5577) ; u

“3. tikkundanna lill-istess soċjeta` konvenuta tħallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

“Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita f'Ġunju 1999 u ta' l-ittra nterpellatorja datata s-16 ta' Awissu 1999, kontra l-istess konvenuti.”

**L-APPELL TA’ L-ATTUR**

2.1. L-attur hassu aggravat bis-sentenza hawn fuq riportata u interpona appell minnha u talab li tigi riformata in kwantu ma jaqbilx mal-*quantum* tad-danni li gew likwidati a tenur tat-tieni talba tieghu u talab li, minflok, tigi milqugha l-istess talba pero` b’dan li d-danni dovuti jigu “likwidati f’ammont superjuri kif (din il-Qorti) jirrizultalha ragjonevoli fid-diskrezzjoni taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta”.

2.2. L-aggravji ta’ l-attur jistghu jingabru u jigu sintetizzati kif gej:

(i) L-ewwel Qorti kienet skorretta meta rriteniet li d-debilita` sofferta mill-attur ma kenitx tipprekludieh milli jfittex xi xoghol iehor inqas skabruz. Il-provi juru li qabel l-incident l-attur kien f’sahhtu sew izda, in konsegwenza ta’ l-incident *de quo* gie “f’posizzjoni li ma jista’ jaghmel l-ebda xoghol ta’ tqandil”. Anki d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ddikjaratu bhala invalidu ghax-xoghol, u dan wara li ghadda Bord. Oltre dan, mhux facli li persuna ta’ 46 sena, bla specjalizzazzjoni, sengha jew esperjenza partikolari issib timpjega ruhha, specjalment fil-kundizzjoni menomata li sab ruhu fiha. Huwa messu nghata kumpens taht dana l-aspett ta’ danni emergenti fl-ammont superjuri ta’ Lm6,214.92.

(ii) It-tieni aggravju hu dwar il-mod li bih gie likwidat il-*lukri cessanti*. L-ammont ta' Lm5,054 likwidat mill-ewwel Qorti "huwa mizeru, jekk mhux ridikolu ghall-ahhar". L-ewwel Qorti ghazlet li ssegwi sentenzi antiki bhal **Butler v. Heard**, flok ma mxiet ma' gurisprudenza aktar evoluta u ricenti bhal ma gie deciz f'**Garnisi v. Freeport Terminal (Malta) Limited u Oswald Caruana** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2004 fejn dik il-Qorti llikwidat l-ammont ta' Lm84,500 lill-haddiem li fil-mument li wegga' kellu gia` 55 sena. Dan sehh billi gew kunsidrati kriterji ta' stimi differenti;

(iii) f'kull kaz ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghall-ghoti ta' deduzzjoni ghal fini ta' *lump sum payment* li kompla rriduca l-ammont tad-danni bla gustifikazzjoni.

**L-APPELL INCIDENTALI TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

3.1. In risposta, is-socjeta` attrici mhux biss ikkontestat l-appell ta' l-attur kwantu ghall-ammont ta' danni li gew likwidati mill-ewwel Qorti, imma intavolat appell incidentali li jkopri wkoll it-talba dwar responsabbilita`. Fl-appell incidentali, il-konvenuta talbet li din il-Qorti:

"joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-2 ta' Novembru, 2004 u tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta esponenti mhijiex responsabbli ghall-incidenti mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur appellant; alternattivament, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta esponenti hija responsabbli ghall-incidenti mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur appellant, tiddeciedi illi ghall-istess incidenti u/jew ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur appellant kien hemm responsabbilita` kontributorja ta' l-istess appellant u/jew ta' terz, u tiddeciedi l-kwoti illi fihom tali responsabbilta` kontributorja ghandha tigi apporzjonata, u konsegwentement tiddeciedi u tordna dik il-kwota in linea ta' danni li talvolta ghandha tigi sofferta mis-socjeta` konvenuta esponenti; u, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta esponenti hija responsabbli ghall-incidenti mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur appellant, unikament jew *in parte*, tirriforma s-sentenza moghtija

mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-kap tal-likwidazzjoni tad-danni u tillikwida l-istess danni f'ammont inferjuri ghar-ragunijiet kif imfissra f'dan l-appell incidentali u kif jirrizultalha ragjonevolment fid-diskrezzjoni, taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant."

3.2. L-aggravji tas-socjeta` konvenuta – li baqghet kontumaci – jinsabu redatti f'risposta estensiva, li aktar tixbah monografija li qed jigu, mhux minghajr diffikulta`, sintetizzati hekk:-

(i) Illi s-socjeta` konvenuta ma messhiex giet misjuba responsabbli ghall-akkadut in kwantu hija ma tahtix ghall-incident u d-danni konsegwenzjali sofferti mill-appellant.

(ii) Sussidjarjament, anki li kieku s-socjeta` konvenuta kellha tigi ritenuta responsabbli ghall-incident, jirrizulta mill-provi li l-attur ukoll kellu htija ghad-danni sofferti, oltre li hemm ukoll responsabbilta` kontributorja ta' terzi involuti fil-kaz in ezami.

3.3. Skond is-socjeta` konvenuta, meta l-ewwel Qorti giet biex tigbor il-fatti, ghamlet evalwazzjonijiet zbaljati li wassluha ghal konkluzzjonijiet errati. Ma kenitx is-socjeta` konvenuta li "gieghlet" lill-attur biex jirritorna ghax-xoghol qabel ma fieq. Kien it-tabib Dr. Mario Saliba, li kien jippresta servizzi lil-lukanda "Comino Hotel", li ccertifikah li kien tajjeb biex jirritorna ghax-xoghol. Minn barra dan, fil-kaz odjern, a differenza kwindi ta' kazi ohrajn citati mill-ewwel Qorti zbaljatament, l-attur kien ilu jaghmel ix-xoghol ta' rfiegh u tqandil sa mis-sena 1987, u ma jirrizultax li qatt ilmenta dwaru. L-interpretazzjoni ta' l-attur fir-rigward tal-Ftehim Kollettiv ta' bejnu u bejn l-"employer" kienet wahda skorretta. Dan wassal ukoll lill-ewwel Qorti "illi tattribwixxi r-responsabbilta` ghall-incident fuq is-socjeta` esponenti minhabba li l-lanca giet irmiggata f'post mhux adegwat", liema konkluzjoni "hija ghal kollox infondata". Lanqas ma hemm xi prova li l-attur nghata xi struzzjonijiet biex iqandel xi merkanzija ta' piz izjed milli kien jiflah – si trattava hawn ta' tqandil ta' cilindri tal-gass normali "kif wiehed isib f'kull dar f'Malta u li kulhadd igorr u jqandel regolarment" f'daru. L-incident *de quo* gara invece minhabba element "ghal kollox fortuwitu illi zgur

ma tahtix ghalih is-socjeta` (konvenuta)”. Fl-aghar ipotesi, dato l-incertezzi ezistenti dwar kif seta’ sehh sewwa sew l-incident, “meta r-responsabbilta` ma tistax tigi kollokata u apporzjonata b’certezza, ghandha tinqasam bin-nofs”.

3.4. Skond is-socjeta` konvenuta, pero`, “fil-kaz odjern m’hemm l-ebda dubju illi mill-provi prodotti tirrizulta l-kontributorjeta` ta’ l-attur appellant stess jekk mhux ghall-ewwel incident innifsu (li sehh minhabba *casus* u zgur li mhux b’rizultat ta’ xi *dolo* jew *culpa* da parti taghha), izda zgur jahti ghat-tieni incident”. Fit-tieni kaz, l-attur ma messux kompla jahdem dakinhar u ma messux lanqas baqa’ jidhol ghax-xoghol fil-jiem ta’ wara. Apparti dak li ntqal aktar qabel dwar “htijiet” imputabbli lil Dr. Saliba, jirrizulta li l-attur “ma nghatax il-kura medika adegwata b’mod immedjat la minn Dr. Nathalie Ellis M.D. illi rat lill-attur appellant fil-polyclinic... u wisq inqas minn Dr. Mario Saliba M.D.”.

3.5. Oltre s-suespost, dejjem skond il-konvenuta appellata, l-attur bl-agir tieghu mhux biss ikkommetta “nuqqasijiet u manifestazzjonijiet ta’ negligenza kbira”, imma “aggrava l-kundizzjoni tieghu billi kompla jahdem .... minkejja li l-ugiegh li kellu flok jonqos kien qed jizdied.” Ikkontribwixxa wkoll ghax “huwa kien kuntrarju ghall-kura illi kienet qed tigi lilu suggerita minn Mr. Lawrence V. Zrinzo.”

4.1. Fir-risposta ghall-appell principali, u dan naturalment bla pregudizzju ta’ l-aggravji msemmijin fl-appell incidentali, is-socjeta` konvenuta wiegbet li l-aggravji kollha ta’ l-attur appellant huma infondati u l-appell tieghu dwar id-danni kellu ghahekk jigi rigettat. Il-pretensjoni ta’ l-attur dwar telf ta’ paga hija wahda ghal kollox fittizzja u bla ebda bazi fattwali jew legali. Dwar il-*lucrum cessans*, l-attur ghogbu jiccita kaz aktar uniku milli rari dwar il-likwidazzjoni tad-danni u, bil-maqlub ta’ dak li ssottometta fir-rikors ta’ l-appell, l-ewwel Qorti hadet kont sew dwar kazi in materja u ghamlet komputazzjoni li kienet ragjonata u bis-sens. Ma kien hemm xejn x’wiehed jiccensura dwar il-“multiplier” li gie adottat u lanqas dwar il-percentwal ta’ dizabbilita` ta’ 8% sofferta mill-attur.

4.2. <u>L-uniku aggravju tas-socjeta` appellata dwar id-danni</u> jirrigwarda s-salarju ta' l-attur, fejn l-ewwel Qorti "applikat is-salarju inkluz ukoll l-*over-time* shih ta' sena". L-ewwel Qorti kellha jew tapplika l-paga bazika reali ta' Lm4,111 biss, jew, fl-ahjar ipotesi ghall-attur, izzid maghha 50% ta' l-"over-time" ghal total ta' Lm4,246 bhala paga bazika. Dan ifisser li l-*lucrum cessans* ghandu jkun b'kollox Lm4,891.39c u mhux kif likwidat mill-ewwel Qorti. Dan fuq l-iskorta ta' decizjonijiet, anke ta' din il-Qorti, bhal **<u>Buhagiar v. Malta Shipbuildings Company Limited</u>** tal-25 ta' Frar 2005. Mill-bqija t-tnaqqis ghal-*lump sum payment* kien ghal kollox wiehed gustifikat.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. L-appell in ezami huwa dwar kawza ta' danni istitwita mill-attur kontra s-socjeta` konvenuta dwar incident fuq il-lant tax-xoghol li gara f'Kemmuna fid-9 ta' April 1998, u li fih wegga' l-istess attur f'dahru waqt li kien qieghed iqandel xi cilindri tal-gas kummercjali destinati ghal-lukanda gestita mill-konvenuta appellata. L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u llikwidat, in linea ta' danni, l-ammont globali ta' Lm5,577. L-attur interpona appell limitatament ghall-*quantum* tad-danni hekk likwidati, filwaqt li s-socjeta` konvenuta intavolat appell incidentali fejn hija kkontestat kemm it-talba dwar responsabbilta`, u *in parte*, id-danni li gew likwidati, kif fuq gia` inghad.

6. Ghal fini ta' pratticita` jkun utli li fl-ewwel lok jigi investit l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta dwar ir-responsabbilta` ghall-akkadut ghar-raguni li kieku kellu jirrizulta tassew, kif qeghda tissottometti s-socjeta` konvenuta, li hija ma kienet tahti assolutament xejn ghas-sinistru soffert mill-impjegat taghha, allura jsegwi li ma hemm ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront taghha u ghal-liema giet mitluba biex twiegeb.

7. Qabel xejn jigi rilevat li s-socjeta` konvenuta baqghet kontumaci fl-ewwel istanza bir-rizultat li, ghalkemm stat ta' kontumacja xorta wahda jimplika *in se* kontestazzjoni ghat-talbiet attrici, fisser ukoll li l-appellata ma ressqet ebda provi kwalsiasi biex tirribatti l-

allegazzjonijiet ta' l-attur jew biex issostni l-linja difensjonali oppozitorja taghha. Konxju minn dan in-nuqqas lampanti min-naha tal-konvenuta, il-legali taghha jghid hekk dwar dan l-istat ta' kontumacja (ara pra. 6 tar-risposta ta' l-Appell)
".... is-socjeta` esponenti kienet baqghet kontumaci mhux b'xi sens ta' dizinteress jew nuqqas ta' rigward u riverenza lejn l-Awtorita` tal-Qorti jew lejn is-solennita` tal-process gudizzjarju, izda unikament minhabba traskuragni tal-General Manager tal-lukanda ta' dak iz-zmien (liema persuna llum m'ghadux impjegat tas-socjeta` esponenti) illi naqas milli jghaddi l-atti tal-kawza li bihom kien gie notifikat lid-direttorat tas-socjeta` esponenti".

Huwa dejjem tajjeb li parti ticcara l-posizzjoni taghha biex tnehhi l-ombra tal-kontumelja fil-konfront ta' l-awtorita` gudizzjarja, izda l-mankanzi tal-konvenuta ma waqfux hawn. Ftit wara li bdiet tinstema l-kawza, hija talbet awtorizzazzjoni biex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet (ara rikors datat it-23 ta' Awissu 2000, a fol. 10 tal-process). L-ewwel Qorti, dato li l-provi kienu ghadhom appena bdew jinstemghu, irrizervat li ulterjorment tipprovdi dwar din it-talba "meta l-kawza tkun aktar matura" – ara digriet a fol. 13. Fit-12 ta' Mejju 2004 (fol. 169), l-istess Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u kkoncediet lis-socjeta` konvenuta sat-22 ta' Gunju 2004 ghal fini ta' nota responsiva. Lanqas hawn pero` ma jidher li s-socjeta` konvenuta pprevalixxiet ruhha minn din il-koncessjoni, u lanqas jidher illi sar xi tentattiv biex bejn id-data ta' skadenza (22 ta' Gunju 2004), u d-data gdida mhollija ghalbiex tinghata s-sentenza (2 ta' Novembru 2004) ikun hemm il-possibilita` li tiddahhal nota anke tardivament bil-permess tal-Qorti.

8. Dwar responsabbilta` hija l-fehma ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, li l-korriment fuq il-post tax-xoghol ta' l-attur, kien unikament attribwibbli lis-socjeta` konvenuta. Il-provi juru li l-attur beda l-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta bhala ufficjal tas-sigurta` imma wara spicca jahdem bhala *boatman*. Parti minn dan it-tieni tip ta' xoghol kienet tinvolvi l-hatt ta' oggetti u merkanzija minn dghajjes ghal fuq l-art, komprizi cilindri tal-gass

kummercjali. Minbarra t-toqol evidenti ta' dawn l-oggetti u l-fatt li t-tqandil kien isir minn pjattaforma instabbli ghall-ahhar (dghajsa fil-bahar), kien hemm fattur iehor li kompla ggrava s-sitwazzjoni xejn felici ta' kif kien isir dan l-iskarikar ta' oggetti tqal. Jirrizulta mill-provi li f'kaz ta' maltemp, il-hatt kien isir minn zona jew zoni skabruzi u inadatti ghal fini ta' skarikar ghax kienu jirrendu tali operazzjoni wahda perikoluza. F'dawn il-kondizzjonijiet kien jahdem l-attur – bil-konsapevolezza shiha u voluta tas-socjeta` konvenuta u bi ksur ta' parti mill-Ftehim Kollettiv (ara Dok CD3, a fol. 43-77 tal-process) – u dan dam hekk ghal diversi snin. Gara li jum fost l-ohrajn l-attur wegga' fuq il-lant tax-xoghol meta kien qieghed iqandel dawn ic-cilindri u rrapporta "sick". Mar izuru t-tabib tas-socjeta` konvenuta li ccertifika li l-attur ghandu jmur lura fuq il-post tax-xoghol. L-attur obda u mar lura ghax-xoghol, izda rega' beda jhoss l-ugiegh f'dahru, u hmistax-il jum wara dan l-ugiegh zdied talment li l-attur kellu jieqaf ghal kollox. Dan sehh meta l-attur kien qieghed inizzel xi bagalji tat-turisti mill-art ghal fuq id-dghajsa fejn il-moll tac-Cirkewwa. Minn dakinhar l-attur waqaf jahdem sakemm safa' "boarded out" fuq ragunijiet ta' sahha.

9. Skond is-socjeta` konvenuta, kulhadd seta' kien jahti ghall-korriment ta' l-attur ad eccezzjoni taghha. Issostni li l-attur qatt ma lmenta maghha dwar in-natura tax-xoghol li tqabbad jaghmel; li l-attur ma messux accetta jaghmel tali xoghol jekk deherlu li ma kienx adatt ghalieh jew maghmul f'zoni inidonei; li gialadarba safa' 'mwegga' huwa ma messux segwa dak li kien ordnalu t-tabib taghha u kien messu baqa' d-dar. F'kull kaz is-socjeta` konvenuta ssostni wkoll li kien hemm l-aspett ta' htija kontributorja x'tigi kkonsidrata u li l-ewwel Qorti skartatu totalment. L-attur zbalja u kwindi kellu parti mill-htija wkoll, meta ghazel li jkompli jahdem f'cirkostanzi hziena bhal ma jiddeskrivi huwa stess bla ma ipprotesta – kif sar f'kazijiet ohrajn. L-attur zbalja wkoll meta segwa l-ordni tat-tabib taghha u rritorna fuq il-lant tax-xoghol minkejja li kien mugugh. L-attur messu inoltre accetta li jiehu l-parir mediku tal-konsulent Dottor Zrinzo u jsegwi kura partikolari u b'hekk jimminimizza d-danni, u mhux joqghod jistrieh fuq fejqan tan-natura. Huwa veru li t-tabib Dottor Mario Saliba kien

mar jezamina lill-attur fuq struzzjonijiet taghha izda jekk dan it-tabib zbalja professjonalment, il-htija ma kenitx taghha imma ta' l-istess tabib.

10. Din il-Qorti, wara li gharblet sew u mill-gdid il-provi li gew prodotti f'din il-kawza, ma jidhrilhiex li s-socjeta` konvenuta ghandha minimament ragun fir-ragjonamenti storti taghha. Bhala "employer", is-socjeta` konvenuta kellha d-dmir li tipprovdi lill-haddiema taghha "a safe system of work". Dan mhux biss ma pprovditux imma jirrizulta li kien hemm dizinteress shih da parti taghha f'dak li huwa "welfare" ta' l-impjegati dipendenti taghha mill-aspett ta' sigurta` fuq il-post tax-xoghol. Lanqas ma tista' tifhem din il-Qorti kif tista' tippunixxi haddiem talli dan ghazel li jsegwi l-ordni tat-tabib – mibghut mis-socjeta` konvenuta stess – biex ifittex jirritorna fuq xogholu, minflok illi jaghmel bil-maqlub bir-riskju li jigi ddixxiplinat. Issa jekk kien hemm xi nuqqas da parti tat-tabib Dr. Mario Saliba, kien allura jispetta lis-socjeta` konvenuta li, okkorrendo, tikkjamah fil-kawza bhala ko-konvenut u mhux tippretendi li dan l-oneru jaqa' fuq l-attur. Li kieku s-socjeta` konvenuta gharfet tiehu kura u taghti kaz tal-kondizzjonijiet li kienu jahdmu fihom l-impjegati taghha, dan il-korriment seta' gie evitat. Kif tajjeb ikkummentat l-ewwel Qorti f'parti mis-sentenza appellata fir-rigward tad-diversi mankanzi min-naha ta' l-"employer",
"Dawn ic-cirkostanzi m'ghandhom ihallu ebda dubju illi ghad-danni li sofra l-attur konsegwenza ghal dawn iz-zewg incidenti, ghandha taghmel tajjeb is-socjeta` konvenuta bhala l-'employer' tieghu".

Ghalhekk l-aggravju tas-socjeta` konvenuta dwar responsabbilta` kompriz fl-appell incidentali jirrizulta li hu ghal kollox infondat, kemm fil-fatt, kif ukoll fid-dritt u qieghed jigi respint.

11. Il-bqija ta' l-appell incidentali kif ukoll it-totalita` ta' l-appell principali jirrigwardaw il-*quantum* tad-danni. Is-socjeta` konvenuta tillimita ruhha ghall-fatt li mal-paga bazika l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha tinkludi fiha l-ammont kollu reklamat bhala "overtime", filwaqt li l-attur jillanja dwar diversi aspetti tal-likwidazzjoni effettwata mill-

ewwel Qorti.  Skond l-attur, id-danni emergenti kienu ferm aktar minn dak li gie moghti mill-ewwel Qorti u dan kien gej mill-fatt li l-ewwel Qorti ma apprezzatx sew il-punt li l-attur safa' kostrett li ma setax jimpjega ruhu in konsegwenza tal-korriment in ezami.  Anki dwar il-*lucrum cessans*, l-attur deherlu li dan kien wiehed fqir kemm ghaliex il-"multiplier" messu rrispekkja b'mod ahjar dak li tilef l-attur f'introjti futuri mix-xoghol u kemm ghaliex ma kien hemm ebda raguni li jsir tnaqqis addizzjonali mis-somma likwidata minhabba hlas "lump sum".  L-ewwel Qorti, inoltre, strahet fuq percentwal ta' dizabbilita` ta' tmienja fil-mija (8%), kif kien gie suggerit mill-perit mediku gudizzjarju, Mr. Charles Grixti, minkejja li jirrizulta li l-konsulent *ex parte*, Mr. Raymond Aquilina, esprima l-fehma li l-grad ta' dizabbilita` permanenti sofferta mill-attur kien ta' 25%, u fil-fatt l-attur safa' kostrett li jerfa' mix-xoghol permanentement.

12. Din il-Qorti, wara li qieset l-aggravji kemm ta' naha u kemm ta' ohra, ma jidhrilhiex li huwa l-kaz li ghandu jkun hemm xi varjazzjoni jew disturb, naha jew ohra, minn kif deciz mill-ewwel Qorti, u dan ghar-ragunijiet li sejrin jinghataw .

13. Dwar l-aggravju koncernanti l-"overtime" (wiehed pjuttost marginali), li hu komplriz fl-appell incidentali tal-konvenuta, din il-Qorti tosserva li ghalkemm huwa minnu li dawn il-Qrati dejjem agixxew b'kawtela meta gew biex jikkonsidraw hlasijiet extra ghal fini ta' sahra ("overtime"), b'mod li ddistingwew bejn paga bazika u hlasijiet ohra ta' natura kontingenti, pero` jibqa' dejjem prezenti l-fatt li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq dawk il-fattispecji attinenti ghalih.  Hekk jirrizulta li fil-kaz in ezami, l-attur wera li huwa kien jircievi hlas ghal "overtime" fuq bazi regolari u fuq firxa twila ta' snin – f'ammonti modesti u kontenuti – liema pretensjoni ma gietx ribattuta bi provi kontrarji mill-parti avversa.  Kwindi, din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tirriforma s-sentenza kif moghtija taht dan l-aspett.

14. Dwar il-grad ta' dizabbilita` ta' l-attur, l-ewwel Qorti gietipprezentata bi tlett gradi ta' percentwali differenti

minn xulxin.  Tnejn minn dawn kienu qrib ta’ xulxin sew – 8% u 10% rispettivament, mentri t-tielet wiehed kien ta’ 25%, maghmul minn konsulent li lanqas biss ittella’ b’xhud in konferma ta’ dak li ccertifika.  Il-percentwal ta’ 8% suggerit minn Mr Charles Grixti mhux biss huwa qrib hafna tal-percentwal ta’ 10% ikkalkolat minn Mr. Zrinzo, espert *ex parte*, imma sar kronologikament wara, huwa wiehed indipendenti ghal kollox, u jiehu kont tal-konsiderazzjoni maghmula minn Mr. Zrinzo li b’kuri partikolari, il-kondizzjoni fizika ta’ l-attur setghet tigi ’l quddiem u titjieb.  Minbarra dan, saret anke eskussjoni tal-perit gudizzjarju fuq talba ta’ l-attur fejn dan l-espert mediku kellu l-opportunita` li jispjega, jelabora u jikkonferma dak li kien irrelata dwaru.  Kwindi, anki hawn ma jidhirx li hemm lok ta’ varjazzjoni minn kif deciz.  Il-fatt li l-attur “ghadda Bord” u gie ccertifikat li seta’ jigi “boarded out” milli jahdem u b’hekk ikun jikkwalifika ghall-otteniment ta’ xi forma ta’ servizz socjali, ma jfissirx ukoll li l-attur ma setax fittex xi xoghol iehor alternattiv u ta’ anqas skapitu minn dak li kellu qabel.  Fil-fatt jirrizulta li fil-bidu hu kellu impieg divers ma’ l-istess “employer”.  L-insistenza ta’ l-attur li hu htieglu jipprovdi ghal manteniment tieghu, ta’ martu u tas-sitt uliedhom, messha ssarfet f’impenn genwin biex l-attur isib xoghol aktar addattat ghalih u ghall-kondizzjoni li zviluppatlu, u mhux biex jirrinunzja ghax-xoghol qabel l-eta` ta’ rtitrar b’mod permanenti.

15.  Dwar il-“multiplier”, l-attur deherlu li l-ewwel Qorti messha kienet aktar liberali u flok ma segwiet dawk in-normi li gew stabbiliti in konsegwenza tad-decizjoni, ormai klassika, ta’ **<u>Butler v. Heard</u>**, kien messha fittxet toroq ohra li jkunu jirriflettu ahjar dak li tilef l-attur f’termini ta’ kumpens pekunjarju.  Taht dan l-aspett, din il-Qorti tinnota li, meta korra, l-attur kellu 46 sena, u li l-ewwel Qorti addottat “multiplier” ta’ 15-il sena lavorattiva u, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, hija jidhrilha li m’hemm l-ebda raguni ghal xi varjazzjoni minn kif deciz.  L-attur jillanja wkoll mill-fatt li sar tnaqqis ulterjuri ta’ ghoxrin fil-mija (20%) mill-ammont likwidat ghal fini ta’ hlas f’daqqa (“lump sum payment”).  Deherlu li ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghal tali tnaqqis.   Din il-Qorti tahsibha

xort'ohra u jidhrilha li darba li kien ser ikun hemm ammont li kellu jithallas f'daqqa mid-debitur, kellu jkun hemm applikazzjoni ta' din il-prassi li giet addottata fil-bicca l-kbira tal-kawzi ta' din ix-xorta. Il-konvenuta mhux biss ma tawlitx il-proceduri istitwiti kontriha imma talli addirittura baqghet kontumaci. L-attur ma kienx sodisfatt bl-ewwel decizjoni u deherlu opportun, kif kellu kull dritt jaghmel, li jappella mis-sentenza ghal fini ta' riforma parzjali. Ovvjament, dan kollu kkontribwixxa biex dina l-istanza ttawwal il-procedura gudizzjarja in kwistjoni. Madankollu, din il-Qorti anke f'dan ir-rigward ma tarax li ghandha tilqa' dana l-aggravju ghax mhuwiex gustifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad kemm l-appell principali interpost mill-attur u kemm ukoll l-appell incidentali interpost mis-socjeta` konvenuta.

Il-kap ta' l-ispejjez, kwantu ghall-ewwel istanza jibqghu skond kif hemm deciz fis-sentenza appellata; dawk relattivi ghall-appell principali quddiem din il-Qorti jkunu unikament a kariku ta' l-attur appellant, mentri dawk relattivi ghall-appell incidentali jithallsu unikament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------